MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 185/2002/1

**Matthew Brincat**

**vs**

**Pio Rosario Le Brun**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-15 ta' Marzu, 2002 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u ghaxar liri Maltin u 65 centezmu (Lm1,810.65) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tal-5 ta' Dicembru, 2001 fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa bejn il-vettura numru

PIO 101 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BBI 646 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-attur, liema ncident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2002, l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba ta' l-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontrih, stante li l-incident awtomobilistiku meritu ta' din il-kawza ma sehhx htija ta' l-eccipjenti izda gara tort ta' l-attur innifsu.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tinvolvi ncident tat-traffiku illi gara fil-5 ta' Dicembru, 2001 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofs inhar (12:45) fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa, bejn il-karozza numru tar-registrazzjoni BBI 646 misjuqa mill-attur Mathhew Brincat u l-karozza bin-numru tar-registrazzjoni PIO 101 misjuqa mill-konvenut u karozza ohra bin-numru tar-registrazzjoni IAV 663 misjuqa minn Joseph Mary Baldacchino.

Irrizulta mill-provi li l-attur kien qed isuq il-karozza fuq imsemmija u mieghu kellu lil Mario Clinch u lil Christine Haber, din ta' l-ahhar fuq is-seat ta' wara. Brincat kien niezel fi Triq Dicembru Tlettax fid-direzzjoni tal-Marsa u kien fuq l-*outer lane*. Il-konvenut kien fuq ix-xellug tieghu. Dan, f'daqqa wahda beda jigbed lejn il-lemin u kompla

hekk sakemm fl-ahhar dahal go fih fuq in-naha ta' quddiem tax-xellug. Wara l-impatt intilef il-kontroll taz-zewg karozzi b'dik misjuqa mill-konvenut tibqa' diehla go dik bin-numru IAV 663 misjuqa minn Baldacchino. Huwa spjega illi bhala velocita' kien qieghed isuq b'madwar sebghin kilometru fis-siegha.

Mario Clinch a fol. 49 ikkonferma illi kien fuq is-*seat* ta' quddiem magenb Brincat u kienu nezlin fi Triq Dicembru Tlettax, fid-direzzjoni tal-Marsa. Clinch kien ghadu hiereg mill-isptar wara operazzjoni ta' l-appendicite, u ghalhekk l-attur kien qieghed isuq bilmod biex ma jaghtihx skossi. Izda meta waslu vicin id-dawra li taghti lura ghall-Blata l-Bajda, giet karozza ohra minn fuq ix-xellug taghhom li ghafsithom u habtet maghhom u tefghathom fuq is-*centre strip*. Ma setax jikkonferma jekk il-karozza l-ohra kellhiex *indicator* jew le.

Christine Haber, fol. 22 qalet illi rat il-karozza misjuqa mill-konvenut tigbed minn fuq ix-xellug ghal fuq il-lemin u giet quddiemhom u habtu. Hija ma ratx *indicators* mixghulin fuq il-karozza tal-konvenut.

Is-Surgent li nvestiga l-kaz, PS 768 Silvio Brincat (fol. 13) xehed illi Joseph Baldacchino u Matthew Brincat taw l-istess verzjoni. Izda l-konvenut ghamel verzjoni ohra u fost affarijiet ohra qal, "Ried idur lejn il-lemin lura lejn il-Blata l-Bajda, hares fil-mirja u ma ra lil hadd, xeghel l-*indicator* u beda jdur bilmod." It-tliet partijiet involuti fl-incident qablu li l-habta saret ftit lura mil-lilwa.

L-attur esebixxa l-kontijiet kif ukoll is-*survey report* a fol. 31 et sequitur.

Il-konvenut a fol. 60 qal illi huwa dejjem kien fuq l-*outer lane* isuq xi erba' piedi 'l barra mis-*centre strip*. Xi mitejn metru boghod mil-lilwa, huwa xeghel l-*indicator* biex jindika li huwa ser idur lejn il-lemin. Xi mitt metru boghod kien diga ppostja ruhu fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Qabel ma beda jdur, hares fil-mirja biex jaccerta ruhu illi ma kien hemm hadd warajh jew ma genbu u safejn seta' jara fil-mirja ma kien hemm hadd. Hekk kif kien ser jibda l-

manuvra hass daqqa kbira fuq il-genb lemini tal-karozza. Bl-impatt gie mitfuh 'il quddiem u l-karozza daret 180° biex giet thares lura fid-direzzjoni minfejn kien gej u waqfet f'nofs it-triq. A fol. 62 jghid, "Nerga ntenni illi meta jiena harist lejn il-mirja karozzi warajja zgur illi ma kienx hemm. Il-karozza ta' l-attur avvicinatni bi *speed* qawwi, pero' lil dan ma rajtux."

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-unika difiza li l-konvenut ghandu ghal dan l-incident, huwa sewqan esagerat da parti ta' Brincat illi lahqu hekk kif beda jdur lejn il-lemin biex imur lura lejn il-Blata l-Bajda. Pero' l-Qorti jidhrilha li dan bl-ebda mod ma rrizulta, la mid-dinamika ta' l-incident, la mis-surgent li nvestiga l-kaz u lanqas mill-provi. Anzi l-Qorti hija propensa illi toqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-attur u Mario Clinch fejn dan ta' l-ahhar spjega li kien ghadu kif hareg mill-isptar minn operazzjoni ta' l-appendicte, kellu cinturin ma' qaddu u l-attur beda jsuq b'certa kawteli biex ma jaghtix skossi.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-allegazzjoni ta' sewqan esagerat da parti ta' l-attur ma rrizultatx.

Ghall-bqija l-Qorti ssib illi ghandha hafna x'ticcensura fl-operat tal-konvenut Pio Rosario Le Brun. Dan ghamel hafna enfazi fuq il-fatt illi kien diga impustjat fuq il-*lane* tal-lemin u hares lejn il-lemin u ma ra lil hadd. Fil-fatt din l-ahhar allegazzjoni kkonfermaha darbtejn u a fol. 60 ikompli jghid illi meta accerta ruhu illi ma kien hemm hadd, kif beda l-manuvra hass daqqa kbira fuq il-genb lemini tal-vettura tieghu. Il-Qorti jidhrilha illi xhieda bhal din hija prova cara ta' nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-konvenut.

Il-Qorti lesta illi tikkoncedilu illi xeghel l-*indicator*, imma dan mhuwiex bizejjed, bhalma lanqas hu bizejjed illi tghid li thares fil-mera u ma rajt lil hadd. Evidentement, il-konvenut ma harisx sewwa, ghax l-attur kien ferma aktar vicin tieghu milli ssopona u li kieku verament hares fil-mirja ma hemm l-ebda raguni l-ghala ma kellux jinduna

bil-prezenza ta’ Brincat daqshekk vicin tieghu. Fil-fatt il-konvenut jammetti illi kien hemm attimi ta’ sekondi bejn illi hares fil-mirja fejn qal illi ma ra lil hadd u l-impatt. Dan ifisser illi Brincat kien hafna vicin tal-konvenut, fejn allura hemm nuqqas serju ta’ *proper lookout* da parti ta’ dan ta’ l-ahhar la ma ndunax bih.

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet sabiex jipproncjaw ruhhom fuq l-uzu ta’ l-*indicator*. F’kawza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti fl-ismijiet GasanMamo vs Paul Portelli (Citaz. 1445/2000TM) il-Qorti dahlet fil-fond dwar l-uzu ta’ l-*indicator* u l-obbligi li ghandu s-sewwieq li juzah. Ikkonkludiet li l-fatt li jkun ghamel l-*indicator* ma jfissirx li sewwieq jista jaqbad u jbiddel triqtu.

L-istess f’kawza deciza minn din il-Qorti kif preseduta Elmo Insurance Agency Vs David Delicata deciza fit-28 ta’ Jannar, 2002 fejn qalet fost affarijiet ohra li l-uzu ta’ *ndicator* biss mhuwiex bizejjed biex jassigura xi drittijiet u obbligi minn naha tas-sewwieq. Dan l-*indicator* huwa biss wiehed mill-mizuri li sewwieq ghandu jiehu, imma ghandu wkoll jassigura li dan il-messagg ikun wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq. (Ara wkoll Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono deciza Prim’Awla fis-16 ta’ Ottubru 1995)

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut illi ma assigurax li l-messagg tieghu wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq qabel ma biddel id-direzzjoni tieghu lejn il-lemin. Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt il-konvenut kien qieghed fuq ix-xellug ta’ Brincat u dan, minghajr ma ha l-prekwazzjonijiet mehtiega, qabad u biddel id-direzzjoni tieghu lejn il-lemin biex kien il-kawza prossima ta’ dan l-incident u ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni reklamati mill-attur.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fil-5 ta’ Dicembru, 2001 fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa bejn il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni PIO 101

u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBI 646 misjuqa minn Matthew Brincat u dan minhabba traskuragni minhabba nuqqas ta’ tharis tar-regoalmenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ elf, tmien mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,810.65) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas dan l-ammont lill-attur.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.”

Mill-appell interpost mill-konvenut fil-konfront ta' din is-sentenza giet devoluta l-kwestjoni, ormai solita f' kazijiet ta' decizjonijiet dwar incidenti, huma ta' liema xorta huma, illi l-Qorti adita, meta kkunsidrat il-mertu, ghamlet valutazzjoni hazina tal-fatti jew injorat provi ohra importanti. Kif spiss hu l-kaz, anke hawnhekk il-konvenut appellant jikkontendi li l-htija unika ghas-sinistru kellha tigi akkollata fuq s-sewwieq l-iehor, l-attur, ghaliex, skond hu, dan kien qed isuq b' mod imprudenti, nuqqas ta' *proper look out* u bi *speed* eccessiv;

Ma jistax ikun hemm kwestjoni illi jinkombi indistintament fuq kull sewwieq li jsegwi dejjem ir-regoli tal-prudenza, attenzjoni u tal-bon sens. Hekk, per ezempju, is-sewwieq li jkun jenhtieglu jaghmel manuvra ta' traversament ghandu qabel xejn jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li ebda vettura ohra ma tkun riesqa hi wkoll f' dik il-parti tat-triq li fiha jrid jidhol. Hekk ukoll hu mistenni li sewwieq li jkun qed javvicini kurva jew dahla fis-*centre strip* ghandu jimmodera l-i*speed* tieghu. Sewwieq li jonqos minn dawn id-dmirijiet ghandu jitqies, skond ic-cirkostanzi, li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizjoni li tista' tivverifika ruhha, salv id-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed mis-sewwieqa;

Ferma din l-introduzzjoni ghal kaz in ispecje, il-fatti li taw lok ghall-incident jinvolvu necessarjament it-topografija tal-lokalita` u l-mod ta' sewqan taz-zewg kontendenti:-

(1) Triq Dicembru Tlettax li fiha kienu qed jinsaqu z-zewg vetturi fl-istess direzzjoni ghandha fil-parti taghha fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident speci ta' kurva kif ukoll imbokkatura intiza ghal vetturi li jkunu jridu jaccedu ghan-naha l-ohra tat-triq konducenti ghall-Blata l-Bajda;

(2) L-attur kien fl-*outer lane* vicin is-*centre strip* mentri l-konvenut kien fl-*inner lane* jew ghal nofs it-triq. Huwa veru li l-konvenut jizmentixxi dan u jsostni li hu wkoll kien fl-*outer lane* pero` din il-versjoni tieghu mhix korroborata mix-xhieda, kompriza d-dikjarazzjoni tieghu stess minnu moghtija *a tempo vergine* lis-surgent li nvestiga l-kaz. Ara wkoll id-dikjarazzjoni ta' Joseph Baldacchino it-terz konducent involut fl-iskontru;

(3) Il-konvenut ta sinjal permezz ta' l-*indicator* li ried jaccedi fid-dahla li taghti ghall-Blata l-Bajda. F' din il-manuvra hu htieglu jinonda l-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur. Jistqarr li qabel ma beda jaghmel din il-manuvra ta' traversament hares fil-mirja pero` ma osserva lil hadd gej;

(4) L-attur, li kien qed isuq b' velocita ta' sebghin kilometru fis-siegha (70 kfs), ra l-*indicator* mixghul tal-vettura tal-konvenut pero`, skond hu, il-konvenut xeghlu ezatt kif kien ma' genbu, ftit mumenti qabel ma beda jdur lejn il-lemin (fol. 41);

(5) Ghallanqas minn kif raffigurat fir-ritratti esebiti (fol. 65) l-impatt kien wiehed qawwi, tant li, kif jinghad, mad-daqqa l-vettura tal-konvenut daret dawra u baqghet diehla fuq il-vettura ta' l-imsemmi Joseph Baldacchino mentri dik ta' l-attur rikbet is-*centre strip* u waqfet f' certu distanza mil-lok tal-habta, kif indikat fl-iskizz (fol. 21);

Mill-fatti premessi din il-Qorti taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Il-Qorti hi tal-fehma illi, kif konstatat mill-ewwel Qorti, il-kawza prossima tal-kollizjoni kienet il-manuvra nkawta tal-konvenut meta gie biex jaqleb minn *lane* ghall-ohra. Dan ghaliex huwa ovvju li l-konvenut ma accertax ruhu li huwa seta' jaghmel dik il-manuvra b' sikurezza u minghajr periklu ghat-traffiku ta' warajh. Jinghad a propozitu fis-sentenza "**Il-Pulizija -vs- Rokku Buhagiar**", Appell Kriminali, 20 ta' Gunju 1949 (**Kollez. Vol. XXXIII P IV p 915**) illi "l-manuvra li biha min ikun isuq karozza jaqta' l-linja tat-traffiku li jkun gej hija manuvra perikoluza, li timponi lil dak id-*driver* li jaghmel sinjal, u sinjali tempestivi, tal-manuvra li jkun sejjer jaghmel, u jassikura ruhu minn qabel li huwa jista' jaghmel dik il-manuvra bla perikolu. Jekk huwa jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa hati ta' sewqan perikoluz". Minn dan jitnissel illi l-konvenut kellu l-obbligu li jsuq b' attenzjoni, ihares sew qabel ma jaghmel il-manuvra riskjuza tieghu in kwantu din kienet timporta invazjoni tal-karreggjata fid-direzzjoni mnejn kien gej l-attur;

(2) Il-lokalita` tal-hsara fuq iz-zewg vetturi turi illi l-appellant ma kienx lahaq iggwadanja ghal kollox dik il-karreggjata u li l-iskontru sehh proprju filwaqt li hu kien qed jaghmel il-manuvra mprudenti tieghu;

(3) M' hemmx ghalfejn jinghad illi l-konvenut ma jistax isib refugju mill-fatt li hu xeghel l-*indicator* ghaliex, kif saput, "min johrog l-*indicator* ikun qieghed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu; imma mbaghad ma jistax, semplicement ghax hareg l-*indicator*, jaghmel li jrid, jikser il-prijorita li jaghtu r-regolamenti, u jaqleb '*the rule of the road*' favur tieghu" ("**Il-Pulizija -vs- John Bartolo**", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954);

(4) Fil-kaz in ezami, imbaghad, is-sinjal li ghamel il-konvenut permezz ta' l-*indicator* ma kienx bizzejjed tempestiv biex b' xi mod seta' jgieghel lill-attur jiehu azzjoni evasiva biex jevita, anke forsi jekk mhux ghal kollox, l-effetti tal-manuvra inizjalment perikoluza tal-konvenut;

(5) Huwa veru li sewqan bi *speed* eccessiv fi triq traffikuza specjalment fil-vicinanzi ta' liwja jew salib it-toroq hu meqjus ukoll perikoluz allavolja t-triq tkun wiesgha (ara **Kollez. Vol. XLVI P IV p 883**). Hu minnu wkoll illi d-daqqa kienet qawwija tant li bl-impatt il-vettura tal-konvenut daret dawra sew u dik ta' l-attur spiccat fejn spiccat. Indikaturi dawn illi l-vettura ta' l-attur kienet qed tinsaq b' certu *speed* forsi wkoll esagerat. B' danakollu, kif anke osservat mill-ewwel Qorti, ma jirrizultax li hemm prova ta' *speed* eccessiv ghal-lokalita`; (6) Il-Qorti mhix qeghda taghti tant importanza ghall-kwestjoni allegata tal-velocita` eccessiva ghax wara kollox l-*causa causans* tal-kollizjoni ma kienx dan izda l-mod kif il-konvenut qaleb b' mod inkonsult li ma setax ma holoqx dik l-emergenza li ssorprendiet lill-attur. Stabbilit dan, kif inghad fid-decizjoni "**Stefan Xuereb -vs- Maria Concetta Debono *et***", Appell, 30 ta' Marzu 2001, "hi pacifika l-gurisprudenza li f' kaz kongruwu l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita` ma kellux ikun fatt li jaddebita kontributorjeta ghas-sinistru fuq *driver* li kien altrimenti qieghed in piena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku". Fic-cirkustanzi l-aggravju ma jistax jigi sostenut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------